

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Galapagos BidCo. S.a.r.l.

Konvenut: DE, bħala stralċjarju ta' Galapagos S.A., Hauck Aufhäuser Fund Services S.A., Prime Capital S.A.

Dispożittiv

L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti ta' Stat Membru adita b'talba għall-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza prinċipali żżomm ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tiftaħ tali proċedura meta ċ-ċentru tal-interessi prinċipali tad-debitur jiġi ttrasferit lejn Stat Membru ieħor wara t-tressiq ta' din it-talba, iżda qabel ma din il-qorti tkun iddeċidiet fuqha. Konsegwentement, u sakemm dan ir-regolament jibqa' applikabbli għall-imsemmija talba, il-qorti ta' Stat Membru ieħor sussegwentement adita b'talba mressqa għall-istess finijiet ma tistax, bħala prinċipju, tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiftaħ proċedura ta' insolvenza prinċipali sakemm l-ewwel qorti ma tkunx iddeċidiet u rrifjutat il-ġurisdizzjoni tagħha.

(¹) ĠU C 128, 12.4.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – il-Belġju) – CT, Ferme de la Sarte SPRL vs Région wallonne

(Kawża C-726/20) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika Agrikola Komuni (PAK) – Finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – Regolament (UE) Nru 1305/2013 – Artikolu 17(1)(b) – Għajjnuna għall-investiment li tikkonċerna l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u/jew l-iżvilupp ta' prodotti agrikoli li jaqgħu taħt l-Anness I TFUE – Kunċett ta' "prodotti agrikoli" – Kunċetti ta' "siġar ħajjin" u ta' "pjanti oħrajn, basal, għeruq u bħalhom – Lawn f'rombli għall-installazzjoni ta' soqfa ħodor)

(2022/C 198/14)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: CT, Ferme de la Sarte SPRL

Konvenut: Région wallonne

Dispożittiv

L-Artikolu 17(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "prodotti agrikoli koperti mill-Anness I [tat-Trattat FUE]" inkluż fih ikopri il-pjanti użati għall-installazzjoni ta' soqfa ħodor, bħal-lawn f'rombli, b'tali mod li l-investimenti tanġibbli li jikkonċernawhom jistgħu jibbenefikaw minn għajjnuna abbażi tal-miżura ta' għajjnuna għall-iżvilupp rurali msemmija f'din id-dispożizzjoni.

(¹) ĠU C 79, 8.3.2021